**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**ID-DISA’ LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 10**

13 ta’ Frar 2025

L-għaxar (10) seduta tad-disa’ leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis 13 ta’ Frar 2025 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Justin Haber | ( JH ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 10.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

10.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 10.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

10.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tad-disa' (9) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

10.2.2. Il-Viċi Sindku JAE ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 9.4.8 li għandha taqra "Ġnien Sir Luigi Preziosi".

10.2.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, JP, NH, SSH, JH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 10.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

10.3.1. Is-Sindku ressaq talba mingħand il-Floriana Ajax biex jinxtara trofej għall-festin tal-kostumi tal-Karnival li ser jinżamm b'mod konġunt mal-Kunsill nhar l-1 ta' Marzu 2025. Il-Kunsill laqa' t-talba.

10.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Konslu tal-Konsulat Filippin f'Malta li bagħat invit lill-Kunsill għaċ-Ċelebrazzjoni tal-Indipendenza. Is-Sindku staqsa fuq il-kundizzjonijiet li nħarġu u s-SE ikkonferma li hemm kundizzjoni li ma jidħlux vetturi ġol-ġnien. Il-Kunsill innota dan.

10.3.2.1. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi aġġornamenti dwar l-emendi fil-miżati għall-kirjiet tal-ġonna. Is-SE qal li biex jinbidlu l-miżati ser ikun hemm bżonn li jsiru emendi fil-byelaw. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li l-Kunsill jitkellem mal-Avukat tal-Kunsill dwar din il-possibbiltà.

10.3.3. Is-Sindku ressaq talba mingħand il-Fergħa Armar ta' Ġewwa li offrew lill-Kunsill jorganizza attività b'mod konġunt. Il-Kunsill qabel li jorganizza l-ħarġa li jmiss b'mod konġunt bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-€450.

10.3.4. Is-Sindku ressaq talba mingħand il-Fergħa Armar ta’ Barra li talbu li jorganizzaw attività b’mod konġunt mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-€450 u li jkun hemm l-arma tal-Kunsill fuq kwalunkwe poster jew materjal ieħor li jista’ jiġi iċċirkolat.

10.3.5. Is-Sindku ressaq talba mingħand is-Soċjeta Filarmonika Vilhena li talbu li jorganizzaw kunċert tal-Ġimgħa l-Kbira b’mod konġunt mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjonijiet li l-ispiża ma teċċedix €900 u li jkun indikat b’mod ċar li l-kunċert qed jittella’ b’kollaborazzjoni mal-Kunsill.

10.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza fejn il-Kunsill kien ġie offrut jipproponi siti għar-restawr. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jipproponi dawn is-siti, f’din l-ordni:

1. Statwa tas-Salvatur fi Triq San Franġisk kantuniera ma’ Triq is-Suq
2. Statwa tal-Kunċizzjoni
3. Il-Polverista biswit Binja Vilhena
4. Il-bieb tal-Polverista
5. Il-faċċata tal-każin tal-futbol
6. Il-bieb tal-bandli taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V

10.3.7. Is-Sindku għamel riferenza għall-użu taż-żona tal-Biskuttin u l-permessi tal-attivitajiet. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jerġa’ jikkonsulta mal-avukat tal-Kunsill dwar dan ħalli jkun f’pożizzjoni ċara ma’ kulħadd. Is-Sindku talab lill-kunsillieri kollha sabiex jagħmlu mezz jattendu għal din il-laqgħa.

10.3.8. Is-Sindku għamel riferenza għat-talba biex jiċċaqalqu l-planters minn fuq iz-zuntier u qal li kien informat mit-Tourism ZonesRegeneration Agency li kienu qed jirrakkomandaw li dawn ma jiċċaqalqux minħabba l-possibbiltà ta’ ħsarat kbar. Huwa qal li għandhom jinformaw lis-Soċjetà Filarmonika Vilhena b’dan huma stess.

10.3.9. Is-Sindku ressaq proposta mil-MICAS biex il-Kunsill jorganizza ħarġa għall-grupp biex iżuru l-MICAS. Il-Kunsill qabel li din il-proposta għandha titħalla f’idejn il-kunsillier responsabbli mid-dekasteru tal-kultura.

10.3.10. Is-Sindku ressaq talba mingħand il-Malta Philarmonic Orchesta sabiex issir un/loading bay ħdejn is-Sala Robert Samut fuq bażi ta’ erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Il-Kunsill qabel bil-premessa li dan l-ispazju jitneħħa jekk jiġi innotat li qed jintuża bħala parkeġġ personali.

10.3.10.1. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li Jum il-Floriana jittella’ fis-Sala Robert Samut. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jesplora din il-possibbiltà.

## 10.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

10.4.1. Il-Viċi Sindku JAE staqsa rigward id-dawl ta’ Ġnien Sir Luigi Preziosi.

**<u>Nota: 17:56 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.</u>**
**<u>Il-Viċi Sindku JAE ippreseda l-laqgħa.</u>**

10.4.1.1. Is-SE qal li kien ġie electrician li rranġa is-sistema tat-timers temporanjament.

10.4.1.2. Is-SE żied jgħid li kien ikkuntattja lill-Ministeru tal-Ambjent fir-rigward tal-proġett sħiħ. Huwa qal li kien informat li l-korrispondenza ser tgħaddi għand Project Green u għand il-ministeru sabiex ikun esplorat jekk hemmx possibbiltà ta' fondi.

**<u>Nota: 17:59 Is-Sindku NH reġa' attenda għal-laqgħa.</u>**

10.4.2. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-laqgħa mal-Cleansing Department dwar is-subways. Il-Kunsill qabel li tintbagħat tfakkira.

10.4.3. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għat-tabelli fi Triq il-Vittmi Furjaniżi tal-Gwerra. Is-SE qal li għandu jivverifika jekk waslux it-tabelli.

10.4.4. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li jinbeda minn issa l-eżerċizzju dwar il-problema tal-bagħal taż-żunżan li hemm fuq il-ġonna ta' fuq is-sur. Is-SE qal li għandu jitlob il-parir tal-kuntrattur. Il-Viċi Sindku JAE talab li jintalab parir ukoll fuq id-dud abjad li jkun hemm fuq is-siġar tal-madwar.

10.4.5. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-parkeġġ li hemm fi Triq l-Imħażen u li qed jostakola l-vetturi. Hija ipproponiet li dan l-ispazju jsir spazju ta' parkeġġ għall-muturi filwaqt li l-ispazju għall-muturi li hemm faċċata jinbidel fi spazju għall-karozzi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

10.4.6. Il-Kunsillier JH staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-linji fi Triq l-Imħażen u fi Triq is-Suq. Is-SE qal li l-kuntrattur kien informah li kien qed jimxi mal-pjanta li pprovdewlu u għalhekk il-pjanta riedet tiġi rranġata minn Infrastructure Malta biex tiġi tinkludi l-linji tat-triq.

10.4.7. Il-Kunsilliera SSH ressqet talba mingħand residenta biex jinżabru xi arbuxelli fi Ġnien Sir Luigi Preziosi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jinforma lill-kuntrattur.

10.4.7.1. Is-Sindku għamel riferenza għaż-żabra tas-siġar ta' ħdejn Harper Lane u xi żoni oħra. Is-SE informa li l-kuntrattur ikun irid japplika mal-ERA u li tkun din l-entità li tiddeċiedi jekk jistgħux jinżabru jew le.

10.4.7.2. Is-SE qal li meta kien intalab permess għal żabra ta' siġra, l-ERA kienu wieġbu li jekk ma jkunx hemm xi riskju partikolari, is-siġra m'għandix tintmiss.

10.4.8. Il-Kunsilliera SSH informat lill-Kunsill li l-Viċi Sindku kien għaddilha ritratt antik u qalet li għandha tiċċirkolah lill-Kunsill kollu għall-approvazzjoni biex ikun jista' jintuża fost ir-ritratti antiki fid-daħla ta' Ġnien il-Mall.

10.4.9. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-winch antika li hemm ħdejn fejn kien jidħol il-vapur u pproponiet li tintalab manutenzjoni fuqha. Il-Kunsill qabel.

10.4.10. Il-Kunsilliera SSH staqsiet lis-Sindku jikkjarifika l-kwistjoni tal-Isqof tal-Irlanda. Is-Sindku qal li l-Isqof kien ġie mistieden mill-Arċipriet sabiex jattendi għall-festa ta' San Publju. Huwa qal li kien ċempillu hu personalment biex jistiednu però assigura lill-Kunsill li ma kienx ser jinkorri spejjeż fir-rigward ta' din il-viżta.

10.4.11. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għal-laqgħa li nżammet rigward l-MOU tal-Fosos u qalet li hi ma kinitx informata biha. Is-Sindku qal li jiddispjaċih ta' dan in-nuqqas għalkemm ma kienx informat li l-kunsilliera ma kinitx taf. Huwa qal li min jagħmel kuntatt għal-laqgħa għandu jkun responsabbli jinforma lill-kulħadd biha.

10.4.12. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienux inżebgħu xi arbli fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-Sindku ikkonferma dan u qal li dan kien parti mill-manutenzjoni li jieħdu ħsieb l-istaff tal-Kunsill. Huwa ħeġġeġ lill-kunsillieri sabiex jekk jinnotaw affarijiet għall-manutenzjoni jieħdu ħsieb jirrapportaw lill-amministrazzjoni sabiex dawn jiġu rranġati.

10.4.13. Il-Kunsilliera SSH staqsiet dwar l-arblu ħdejn il-pjazza tal-klabb tal-boċċi. Is-SE qal li l-kuntrattur informah li ma jistax isib fejn hu imqabbad.

10.4.14. Il-Kunsillier JH issuġġerixxa li l-Kunsill jerġa' jibda' jorganizza t-turnament tal-futbol li kien isir ix-Xagħra. Il-Kunsill qabel.

10.4.15. Il-Kunsillier JH informa lill-Kunsill li kien informat mill-Awtorità tad-Djar li kienu ser jorganizzaw assembly u jagħmlu xi arbli ġol-ġonna. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob iktar dettalji sabiex il-materja tkun tista' tiġi diskussa.

10.4.15.1. Il-Kunsillier JH ippropona li l-Kunsill iqabbad persuna li tiftaħ u tagħlaq il-ġonna, mini, eċċ madwar il-lokalità.

10.4.15.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni fil-prinċipju iżda s-sistemi u l-proċeduri m'għadhomx kif kienu fiż-żmien u għalhekk tali proposta tkun diffiċli li tiġi implimentata.

10.4.16. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm komunikazzjoni ma' Transport Malta rigward il-palm fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob li l-palma ta' ħdejn il-ħruġ titneħħa għax qed tipperikola ħajjet in-nies.

10.4.17. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għal tabella mgħawwġa fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb li ssir il-manutenzjoni neċessarja.

10.4.18. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienux ġew installati l-bins fil-ġonna. Is-SE qal li l-bins kienu waslu u għandhom jiġu installati dalwaqt.

10.4.19. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienux waslu id-dog bins. Is-SE qal li għandu jibgħat tfakkira. Huwa talab biex nel frattemp tilħaq tindika fejn tixtieq li jiġu installati id-dog bins u t-tabelli tal-qtates.

10.4.20. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk hemmx idea fuq meta ser jitlesta x-xogħol fi Pjazza Emanuel S Tonna. Is-Sindku qal li kien informat li din għandha titlesta sa nhar it-Tlieta li ġej.

10.4.21. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-ispralli u qalet li kienet bagħtet korrispondenza lid-Dipartiment tal-Artijiet iżda ma kellix risposta. Għalhekk hija talbet l-assistenza tas-SE u tas-Sindku sabiex tkun tista' ssir ukoll pressjoni min-naħa tagħhom.

## 10.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

10.5.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi staqsa dwar deċiżjoni mittieħda mil-Kunsill biex membri tas-sottokumitat ma jkunux miżjuda fiċ-chats uffiċjali li l-Kunsill għandu mal-kuntratturi.

10.5.2. Huwa ippropona li l-membri tas-sottokumitati jkunu miżjuda sabiex ikunu jistgħu jagħtu iktar kontribut. Minkejja dan il-mozzjoni ma kellix sekondant u għalhekk ma kienx hemm qbil.

**Nota: 18:33 Is-Sindku talab li jkun skużat.**
**Il-Viċi Sindku JAE ippreseda l-laqgħa.**

## 10.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI

10.6.1. Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 09/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**Nota: 18:35 Is-Sindku reġa' attenda għal-laqgħa.**

10.6.2. Il-Viċi Sindku iddikjara li kien ser jastjeni minn pagament nru 28 minħabba konflitt t'interess.

10.6.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JH u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 10.7 JUM IL-FLORIANA

10.7.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li jħoss li kien hemm wisq premjijiet marbuta ma' Jum il-Floriana u ippropona li dawn jitnaqqsu għal sitt premjijiet u Ġieħ il-Floriana. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

10.7.2. Is-Sindku ippropona li l-persuni li jingħataw il-premjijiet jibdew jiġu magħżula direttament mill-Kunsill.

10.7.2.1. Il-Viċi Sindku JAE qal li hu favur li d-deċiżjoni tibqa' tittieħed minn bord, bl-eċċezzjoni ta' Ġieħ il-Floriana.

10.7.2.2. Wara diskussjoni, il-maġġoranza tal-Kunsill qabel li l-persuni jintgħażlu mill-bord u mhux mill-Kunsill.

10.7.3. Il-Kunsillier JH ippropona li l-Kunsill jikkunsidra li mas-sitt personaġġi jkun hemm personaġġ "żgħir" biex iservi t'ispirazzjoni għal dawk li għadhom telgħin. Is-Sindku wieġeb li jħoss li l-personaġġi li jiġu esibiti għandhom ikunu laħqu livelli għoli b'mod nazzjonali.

10.7.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-personaġġi għal din is-sena għandhom ikunu:

Joseph Scerri
Sammy Murgo
Suor Edmondina Camilleri
Lilian Miceli Farrugia
Patri Pietru Mamo
Arthur Micallef

## 10.8 FANALI ORNAMENTALI PJAZZA SAN PUBLJU

10.8.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi għamel riferenza għall-fanali ornamentali fi Pjazza San Publju u qal li din il-kwistjoni ilha wisq għaddejja. Huwa qal li jidher li qisu ħadd ma jrid jieħu responsabbiltà tagħhom iżda hemm bżonn li tinsab soluzzjoni għal dan.

10.8.2. Għalhekk huwa ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Gvern Ċentrali b'mod uffiċjali sabiex dawn isiru mil-ġdid u dan sabiex finalment ikun hemm entità responsabbli tagħhom.

## 10.9 DEVOLUZZJONI TA' PJAZZA SAN PUBLJU (IL-FOSOS)

10.9.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li matul laqgħa riċenti kien ġie propost li l-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni ta' Pjazza San Publju (il-Fosos).

10.9.2. Is-Sindku ippropona biex il-Kunsill jikkunsidra s-suġġeriment u jitlob għad-devoluzzjoni.

10.9.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li l-Fosos għandu bżonn ċertu manutenzjoni u staqsiet jekk il-Kunsill jiflaħx għall-manutenzjoni neċessarja.

10.9.4. Il-Viċi Sindku JAE issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob parir professjonali dwar xi tkun tinkludi d-devoluzzjoni ħalli l-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni informata.

10.9.5. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-materja terġa' tittella' fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill u biex sa dakinhar tilħaq issir ir-riċerka u jintalbu l-pariri neċessarji.

## 10.10 Tender tal-Gabbana KG5

10.10.1. Is-SE fetaħ id-diskussjoni billi ta spjegazzjoni fuq fejn kien wasal il-proċess tal-ħruġ tal-konċessjoni. Huwa qal li peress li din kienet konċessjoni, kien hemm bżonn li tiġi approvata mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Huwa kompla jgħid li d-Dipartiment kien ta xi indikazzjonijiet ta' x'hemm bżonn jinbidel mill-abbozz preżentat.

10.10.2. Is-SE qal li apparti dawn it-tibdiliet, id-Dipartiment tal-Kuntratti kienu talbu lill-Kunsill jipprovdi baġit u dikjarazzjoni ta' qligħ u telf ħalli wieħed ikun jista' jasal għall-offerta minima mitluba.

10.10.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-accountant sabiex jipprovdi l-workings neċessarji li jkunu bażati fuq qliegħ ta' €13,000 ħalli jkun jista' jmexxi kemm jista' jkun malajr.

## 10.11 Assemblea Ġenerali Furjaniża

10.11.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi irrefera għall-attività Assemblea Ġenerali Furjaniża u ippropona li din terġa' tibda' ssir.

10.11.2. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li l-Assemblea tittella' nhar il-21 ta' Marzu 2025 u l-għada s-Sibt 22 ta' Marzu 2025.

## 10.12 Pjan ta' Riġenerazzjoni tal-Floriana

10.12.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li d-dokument tal-Pjan ta' Riġenerazzjoni tal-Floriana kien ġie ċirkolat lill-kunsillieri kollha.

10.12.2. Il-Viċi Sindku JAE spjega l-ħsieb wara dan id-dokument u kif ser jiġi diskuss mal-għaqdiet lokali wkoll.

10.12.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi m'għandix oġġezzjoni dwar dan id-dokument jekk dan ser jibqa' għall-użu intern u jasal għand l-għaqdiet lokali biss iżda hija tħoss li jekk 'il quddiem ser jiġi eskalat u preżentat quddiem partijiet oħra, dan għandu jiġi rranġat u jkun iktar iddettaljat.

10.12.4. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE favur l-approvazzjoni u l-abbraċċar tad-dokument bħala parti mil-policy li l-kunsill ser jadotta fil-konfront tar-riġenerazzjoni tal-Floriana, issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, JP, NH, SSH, JH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.13 PROĠETT TRIQ L-ISQOF MAURO CARUANA

10.13.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li dakinhar stess kienet inżammet laqgħa mal-kuntrattur li ser jaħdem il-proġett ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana li matulha ġiet diskussa il-possibbiltà li minflok kif kien maħsub inizjalment, l-art issir stamped concrete minflok biex b'hekk ikunu jistgħu isiru ż-żewġ bnadi tat-triq.

10.13.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jmexxi b'din il-proposta.

10.13.3. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li jsiru xi fanali. Is-SE ġibed l-attenzjoni għall-fatt li jkun hemm possibbiltà' li jkunu jridu jinbidlu s-servizzi biex jiġi mgħoddi d-dawl.

10.13.4. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li l-Kunsill m'hemmx bżonn jagħmilhom issa iżda jilħaq jaħseb għalihom sabiex 'il quddiem ikunu jistgħu isiru.

10.13.5. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-Perit sabiex tkun tista' tiġi riveduta l-Bill of Quantities u jkun jista' jfittex jinbeda' l-proġett.

## 10.14 'PADEL COURT' / PIĊĊ TAL-FUTBOL FIĊ-ĊENTRU RIKREATTIV RE ĠORĠ V

10.14.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi ressaq talba mingħand kumpanija li ipproponiet li tagħmel padel court.

10.14.2. Il-Kunsillier JH għamel riferenza għall-proposta li l-Kunsill kellu xi ftit xhur qabel mingħand kumpanija li wkoll riedet tagħmel padel court fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

10.14.3. Is-Sindku talab l-opinjoni tal-kunsilliera sabiex jara jekk hemmx qbil li wieħed mill-piċċijiet isir padel court. Filwaqt li s-Sindku NH u l-Viċi Sindku JAE kienu kontra, il-Kunsillieri SSH, JH u JP kienu favur il-possibbiltà li l-piċċ iż-żgħir jinbidel f'padel court.

10.14.4. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa’ mal-kumpanija l-oħra sabiex jara eżatt x’kienu qegħdin joffru u jkollu l-informazzjoni neċessarja biex ikun jista’ jagħmel deċiżjoni informata fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

10.14.5. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien iltaqa’ mal-Perit rigward il-Bill of Quantities tal-piċċ tal-futbol u qal li l-istima kienet tnaqqset għal €105,000.

10.14.6. Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku NH favur l-approvazzjoni li tinħareġ sejħa għall-offerti biex jiġi rranġat il-piċċ sintetiku fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V, issekondat mill-Viċi Sindku JAE, ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (NH, JAE, SSH, JH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 19:55 Is-Sindku talab li jkun skużat.**

10.15 **Skemi ta’ Finanzjament 2025**

10.15.1. Il-Viċi Sindku JAE ressaq il-korrispondenza relatata mal-iskemi ta’ finanzjament għas-sena 2025. Il-Kunsill qabel li japplika għal dawn l-iskemi.

**Nota: 19:59 Is-Sindku reġa’ attenda għal-laqgħa.**

10.15.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li japplika bl-attività ta’ Ġenna ta’ Ġonna taħt l-iskema tal-attivitajiet kulturali u li jara mas-sottokumitat tal-indafa sabiex iressaq proposti għall-iskema ta’ lokalitajiet iktar nodfa.

10.15.3. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk ikunx possibbli li l-Kunsill japplika biex issir siġra bid-dawl għall-espressjoni t’interess tal-attivitajiet tal-Milied 2025.

10.15.4. Is-Sindku għamel riferenza għall-attività li ser tiġi organizzata mill-Kunsill għall-Karnival. Huwa qal li ma kienx informat b’dak li kien ġie ippjanat.

10.15.5. Il-Kunsilliera SSH qalet li f’laqgħa preċedenti tal-Kunsill kien ġie deċiż li tieħu ħsiebha hi u li ħadd iktar ma resaq bi proposti.

10.15.6. Is-SE ta spjega ta’ dak li hemm maħsub u informa li l-attività ser tittella’ nhar is-Sibt l-1 ta’ Marzu 2025 u ser ikun hemm attivitajiet għat-tfal. Huwa assigura lill-Kunsill li kif kien ġie deċiż fil-laqgħa, l-ispiża mhux ser teċċedi l-fondi li hemm allokati.

## 10.16 FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

10.16.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi għamel riferenza għall-fondi mill-Unjoni Ewropea.

10.16.2. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu bżonn li jaċċessa dawn il-fondi sabiex ikollu iktar flus biex jaħdem u jwettaq iktar proġetti favur il-lokalità.

10.16.3. Is-SE qal li dawn il-fondi jirrikjedu nies professjonali li jkunu jistgħu jaħdmu fuqhom.

## 10.17 DAWL DEKORATTIV TA' TRIQ SANT' ANNA

10.17.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi irrefera għall-bżonn li jitranġa d-dawl dekorattiv fi Triq Sant'Anna.

10.17.2. Is-Sindku kompla billi ressaq proposta mingħand għaqda lokali biex dan id-dawl jiġi rranġat. Huwa qal li s-somma mitluba hija ta' €2660 kull blokka, li tinkludi biss ix-xogħol manwali u teskludi l-materjal.

10.17.3. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill iġib stima tal-materjal sabiex ikollu idea aħjar ta' x'ser tinkludi l-ispiża.

10.17.4. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk hux ser ikun hemm garanzija li dawn jibqgħu jixgħelu kollha. Is-Sindku wieġeb li kienet saret prova fuq erba' pilastri u sa dakinhar jidher li x-xogħol kien irnexxa.

10.17.5. Is-SE ippropona li min jagħmel ix-xogħol għandu jkun marbut għal ċertu żmien li jagħmel il-manutenzjoni neċessarja.

10.17.6. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi ser tibqa' ssostni li għandu jerġa' jinqala' kollox u d-dawl jerġa' jsir mil-bidu.

**Nota: 20:15 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-laqgħa testendi ruħha bi ħmistax-il minuta.**

10.17.7. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi ma taqbilx għax forsi jkun hemm għaqdiet oħra li jkunu interessati.

10.17.8. Il-Kunsillier JH qal li jkun aħjar li wieħed joħroġ sejħa għall-offerti li tkun tinkludi kollox u joħodha min joffri l-aħjar offerta.

10.17.9. Il-Kunsilliera SSH qalet li x-xogħol għandu jsir minn min hu kompetenti fil-qasam sabiex ix-xogħol isir sew.

10.17.10. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jikkomunika m'għaqdiet lokali oħrajn sabiex jara min itih l-aħjar offerta.

10.17.10.1. Il-Kunsilliera SSH talbet li jiġi ċċarat li l-opinjoni tagħha ma kinitx din iżda li x-xogħol isir minn nies kompetenti biex isir xogħol sew.

10.17.10.2. Il-Kunsillier JH qal li hu jemmen li għandha tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex tinġieb l-aħjar offerta.

10.17.11. Il-maġġoranza tal-kunsilliera qablu biex nel frattemp tinġieb stima għall-holders u l-bozoz u li wara dan, jibda' x-xogħol fi Triq il-Miratur ħalli wieħed jara kif isir. Kien hemm qbil ukoll li għandhom isiru tlett kantunieri.

## 10.18 Aġġornament tal-laqgħa

10.18.1. Il-laqgħa intemmet fit-20:30 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' Marzu 2025 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 11 ta' Marzu 2025**

| | |
|---|---|
| (iffirmat)<br>Nigel Holland<br>Sindku | (iffirmat)<br>Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |